# MANOEL ISLAND U FORTI TIGNÈ LURA GĦAND IL-POPLU: WEGĦDA MWETTQA



OLAF MCKAY
Sindku tal-Belt Valletta

F'dawn l-aħħar snin rajna kif il-politika tista' tkun mezz ta' bidla konkreta li tmiss direttament il-ħajja tan-nies. Wieħed mill-aktar eżempji ċari ta' dan huwa l-proġett ambizzjuż li bih Manoel Island u Forti Tignè se jingħataw lura lill-poplu Malti u Għawdxi.

Din ma kinitx biss wegħda elettorali, iżda impenn ċar li llum qed jitwettaq.

Il-ftehim milħuq ifisser li parti mill-konċessjoni li kienet ingħatat fl-2000 għal perjodu ta' 99 sena se tiġi terminata, biex dawn iż-żoni prestiġjużi jerġgħu jsiru spazji pubbliċi miftuħa għal kulħadd.

Il-Gvern mexa b'pożizzjoni soda u ċara fin-negozjati: l-art ta' Manoel Island mhix għall-bejgħ. Dan kien prinċipju fundamentali li wassal għal ftehim li jħares l-interess nazzjonali.



Filwaqt li l-Midi talbet €78 miljun f'rifużjonijiet ta' spejjeż, wara verifika u negozjati serji, il-ftehim finali wassal għal ħlas ta' madwar €43 miljun, kważi nofs l-ammont mitlub, u li jinkludi wkoll ir-ritorn ta' Forti Tignè lill-poplu.

Dan hu eżempju ċar ta' tmexxija responsabbli li taf tinnegozja fl-aħjar interess tan-nies. Dak li darba kien riservat għal żvilupp privat issa se jinbidel f'opportunità unika għall-familji Maltin u Għawdxin. Il-viżjoni hija li dawn iż-żoni jinbidlu f'parks nazzjonali, parti minn inizjattiva usa' biex jinħolqu spazji ħodor ta' kwalità għolja.

Permezz tal-proċess "Shape Your Space", iċ-ċittadini, inklużi tfal, familji u professjonisti, qed jiġu involuti direttament biex jiddeterminaw kif dawn l-ispazji għandhom jiżviluppaw.

Dan ifisser li mhux biss qed nieħdu lura l-art, iżda qed nagħtuha lura b'viżjoni moderna, sostenibbli u inklussiva.

Huwa importanti nifhmu wkoll il-kuntest. Il-konċessjoni oriġinali kienet ingħatat fl-2000, u għal snin twal Manoel Island baqgħet mhux żviluppata, waqt li l-aċċess għall-pubbliku kien limitat.

Illum qed naraw deċiżjoni politika li tikkoreġi dan is-sitwazzjoni u tagħti lura dak li hu tal-poplu.

Dan il-proġett mhuwiex biss dwar art jew infrastruttura, huwa investiment dirett fil-kwalità tal-ħajja tan-nies.

B'ekonomija b'saħħitha, pajjiżna jista' jaffordja li jinvesti f'proġetti li joffru spazji fejn il-familji jistgħu jiltaqgħu, jirrilassaw u jqattgħu ħin ta' kwalità flimkien.

Il-proġett ta' Manoel Island u Forti Tignè huwa simbolu ta' politika li tagħti prijorità lin-nies. Hija prova ċara li meta jkun hemm rieda politika, tmexxija b'saħħitha u Prim Ministru determinat anke l-aktar sfidi kbar jistgħu jiġu solvuti fl-interess tal-ġid komuni.

